



# Aħbar Tajba

Dan 7, 9-10.13-14
S 96, 1-2.5-6.9
2 Piet 1, 16-19
Mt 17, 1-9

"Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi;
**isimgħu lilu."**

Dawk minnkom li ssegwu xi *team* tal-futbol tafu li kif jibda *league*, tkun qed tistenna b'ħerqa kbira għal-logħba li jmiss. Forsi tkun ilek ġimgħat li bbukkjajt it-TV tad-dar biex fil-ħin tal-logħba ma jkunx hemm xi ħadd li jrid jara xi ħaġa oħra? Anke jekk ma tantx issegwi l-futbol, meta jaslu avvenimenti bħat-Tazza tad-Dinja jew dik tal-Ewropa, ħafna jkollhom xi *team* nazzjonali li jżommu miegħu. Imma dawk li tassew akkaniti, ħajjithom tieħu forma differenti fiż-żminijiet tal-logħob, għax kollox irid idur biex ma jaħbatx ma' xi logħba importanti – probabbilment kollha jkunu importanti – u jdum kemm idum il-*league*, l-aħħar logħba dejjem tiġi kmieni wisq għalihom, għax qalbhom tkun tassew hemmhekk. Qatt kellek xi ħaġa tant għal qalbek li ma tkunx tixtieq li tispiċċa?

Fl-Evanġelju tal-lum niltaqgħu mad-dixxipli Pietru, Ġwanni u Ġakbu li ħassewhom l-istess, imma mhux għax kienu qed jaraw xi logħba futbol. Kienu qed jaraw xi ħaġa ferm akbar. Ġesù kien ħadhom miegħu, kif kien ġieli jagħmel meta jmur jitlob, imma din id-darba kienet differenti, għax ħin minnhom Ġesù nbidel. Qisu dawl beda jiddi minnu, wiċċu nbidel, ilbiesu saru bojod aktar minn qatt qabel, u ħdejh dehru Mosè u Elija. Kienet tassew dehra mill-isbaħ u Pietru ma felaħx joqgħod kwiet u talab lil Ġesù biex jibqgħu hemm. Kien lest jibni tliet tined għalihom biex jibqgħu jgħixu dak il-mument tant sabiħ.

Imma bħalma *league* ma jistax jibqa' sejjer għal dejjem, għax inkella qatt ma jkollok rebbieħ, daqshekk ieħor Ġesù ma setax jibqa' f'dak il-mument. Ġesù kien jaf li hemm rebħa ferm ikbar 'il quddiem, ir-rebħa fuq il-ħażen, u biex jasal għaliha ried itemm dik id-dehra mill-isbaħ. U għalhekk sħaba għattiet din id-dehra u kollox reġa' ġie għan-normal.

Fil-ħajja kultant jista' jiġrilna bħal Pietru, meta nsibu mument sabiħ ikollna xewqa li l-affarijiet ma jinbidlux. Imma l-ħajja ma tistax tieqaf. Tkun kuntent ma' grupp sabiħ tal-klassi u jiġi li tibdel l-iskola. Ikollok għalliema tajba ħafna iżda tiġi sena ġdida u tinbidel. Meta tkun iżgħar tkun komdu li xi ħadd mill-ġenituri jwasslek l-iskola, imma mbagħad tikber ftit u tibda tinżel waħdek b'tal-linja. Il-ħajja l-ħin kollu miexja 'l quddiem, ma nistgħux inwaqqfuha. Imma tajjeb ukoll li ma nistgħux, għax hekk inkunu nistgħu naslu għal ħafna esperjenzi oħra li jgħinuna nikbru u nsiru aħjar.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
PIETRU, ĠAKBU, ĠWANNI, MUNTANJA, WIĊĊU, JIDDI, XEMX, ILBIESU, ABJAD, MOSÈ, ELIJA, TLIET, TINED, SĦABA, TIBŻGĦUX, BIN, BNIEDEM.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦ | O | L | J | A | Ħ | A | F | N | S |
| A | P | P | O | S | T | L | L | I | Ħ |
| M | B | N | IE | D | E | M | X | D | A |
| O | E | L | H | I | J | A | I | X | B |
| Z | X | T | I | N | E | D | P | L | A |
| E | E | L | I | J | A | GĦ | A | B | E |
| T | M | U | N | T | A | N | J | A | M |
| I | X | I | L | A | Ġ | A | K | B | U |
| B | P | A | B | B | W | I | Ċ | Ċ | U |
| Ż | IE | T | IE | J | A | B | I | N | M |
| GĦ | T | L | S | A | N | B | L | M | O |
| U | R | IE | U | D | N | T | R | I | S |
| X | U | T | A | J | I | D | D | I | È |

## Sib it-Triq

**Għin lil Ġesù u l-Appostli jsibu t-triq lejn il-quċċata tal-għolja.**

"Dan hu ibni l-għażiż,
li fih sibt l-għaxqa tiegħi;
**isimgħu lilu.**"





**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Fil-familji għandhom jintużaw il-frażijiet: 'Aħfirli, grazzi, u jiddispjaċini'."

Ejjew nitgħallmu minn ċkunitna nużaw dawn it-tliet kelmiet żgħar u tant sempliċi u ma nħallu qatt li nitilfuhom mill-vokabolarju tagħna.


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION